

Brussell, 10 ta' Lulju 2019
(OR. en)

11144/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0138 (NLE)

PECHE 322

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Lulju 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 284 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 284 final.

Mehmuż: COM(2019) 284 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.7.2019
COM(2019) 284 final

2019/0138 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni tas-Sajd
għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Partijiet tal-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent (il-WECAFC) li se jsiru bejn l-2019 u l-2023 b'rabta mal-adozzjoni ta' rizzoluzzjonijiet u ta' rakkomandazzjonijiet mhux vinkolanti marbutin mal-konservazzjoni u mal-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Ir-Rizzoluzzjoni tal-FAO li tistabbilixxi l-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent

Il-WECAFC ġiet stabbilita fl-1973 bir-Rizzoluzzjoni 4/61 tal-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (l-FAO) skont l-Artikolu VI(1) tal-Kostituzzjoni tal-FAO. Il-WECAFC għandha l-għan li tippromwovi l-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-iżvilupp effettivi tar-riżorsi ħajjin tal-baħar fiż-żona ta' kompetenza tagħha skont il-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO għal Sajd Responsabbli u li tindirizza l-problemi komuni li l-membri tagħha jħabbtu wiċċhom magħhom fil-ġestjoni u fl-iżvilupp tas-sajd.

L-Unjoni Ewropea hija membru tal-WECAFC¹, u Franza, in-Netherlands, Spanja u r-Renju Unit ukoll huma membri tagħha.

2.2. Il-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent

Il-WECAFC hija korp reġjonali konsultattiv u tekniku tas-sajd stabbilit skont l-Artikolu VI(1) tal-Kostituzzjoni tal-FAO. Il-ġestjoni u l-finanzjament tas-Segretarjat tal-WECAFC huma f'idejn l-FAO. Fost il-funzjonijiet ewlenin tal-WECAFC insibu l-promozzjoni, il-koordinazzjoni u l-iffaċilitar tal-governanza u tal-attivitajiet marbutin mal-konservazzjoni u mal-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar fiż-żona ta' kompetenza tagħha. Il-WECAFC tista' tagħti pariri wkoll lill-membri tagħha u lill-organizzazzjonijiet kompetenti tas-sajd dwar il-ġestjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tas-sajd. Meta dan ikun xieraq, hija tista' tgħin ukoll lill-membri tagħha jimplimentaw l-istrumenti internazzjonali rilevanti tas-sajd u, fuq talba tagħhom, tgħinhom fil-konservazzjoni, fil-ġestjoni u fl-iżvilupp tal-istokkijiet transfruntieri u transżonali li jkunu jinsabu fil-ġurisdizzjoni nazzjonali rispettiva tagħhom².

Bħala membru f'din il-Kummissjoni, l-Unjoni għandha d-dritt tiegħu sehem u tivvota fil-laqgħat tagħha. Il-WECAFC tipproma tiegħu d-deċiżjonijiet tagħha b'kunsens. Meta ma jintlaħaqx kunsens, id-deċiżjonijiet jittieħdu b'maġġoranza tal-voti mitfugħa, ħliet meta jkun previst mod ieħor fir-regoli ta' proċedura tagħha.

2.3. Id-deċiżjonijiet li tadotta l-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent

Skont l-Artikolu 6(h) tal-istatuti riveduti tagħha, il-WECAFC tagħti pariri lill-gvernijiet tal-membri tagħha u lill-organizzazzjonijiet kompetenti tas-sajd dwar il-miżuri ta' ġestjoni (minn hawn 'il quddiem imsejtnin "rakkomandazzjonijiet" u "rizzoluzzjonijiet"). Minħabba l-istatus konsultattiv tagħha, id-deċiżjonijiet tal-WECAFC ma jorbtux lill-membri tagħha.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 1991 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ekonomika Ewropea mal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (l-FAO).

² Ir-Rizzoluzzjoni 1/131 tal-2006 tal-FAO li temenda l-istatuti tal-WECAFC u li tirrevedi r-Rizzoluzzjonijiet 4/61 u 3/74 tal-1973 u tal-1978 rispettivament tal-FAO.

3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

B'konsistenza mal-proċeduri li japplikaw għall-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (l-RFMOs), il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni waqt il-laqgħat annwali ta' korpi reġjonali tas-sajd bħall-WECAFC għandha tiġi stabbilita billi jintuża approċċ b'żewġ saffi. Deċizzjoni tal-Kunsill tistabbilixxi l-prinċipji ta' gwida u l-orjentazzjonijiet tal-pożizzjoni tal-Unjoni fuq bażi pluriennali, u wara din tiġi aġġustata qabel kull laqgħa annwali b'dokumenti informali tal-Kummissjoni li jridu jiġu diskussi fil-grupp ta' ħidma tal-Kunsill.

Din il-proposta għal Deċizzjoni:

fiha prinċipji u orjentazzjonijiet ġenerali, iżda tqis ukoll, kemm jista' jkun, il-karatteristiċi speċifiċi tal-WECAFC;

- tistabbilixxi l-proċess standard biex tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni minn sena għall-oħra, kif talbu l-Istati Membri;
- tinkludi l-prinċipji u l-orjentazzjonijiet tal-politika komuni l-ġdida tas-sajd stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, u tqis ukoll l-oġettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-politika komuni tas-sajd⁴;
- tqis il-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni msejħa "Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna"⁵ u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwarha⁶; u
- tqis il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni msejħa "Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari"⁷.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "it-Trattat") jipprevedi deċizzjonijiet li jstabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim".

Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti legali" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede kkonċernata. Huwa jinkludi wkoll l-istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali iżda li "jistgħu

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

⁴ KUMM(2011) 424 finali, 13.7.2011.

⁵ JOIN(2016) 49 final, 10.11.2016.

⁶ 7348/1/17 REV 1, 24.3.2017.

⁷ COM(2018) 28 final, 16.1.2018.

jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”⁸.

4.1.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-WECAFC hija korp reġjonali tekniku tas-sajd stabbilit bir-Riżoluzzjoni 4/61 tal-1973 tal-FAO skont l-Artikolu VI(1) tal-Kostituzzjoni tal-FAO. Filwaqt li d-deċiżjonijiet tal-WECAFC (minn hawn 'il quddiem imsejħin “rakkomandazzjonijiet” u “riżoluzzjonijiet”) ma jorbtux lill-membri tagħha, l-atti li l-WECAFC tintalab tadotta huma atti li jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-Trattat.

4.2. **Bażi ġuridika sostantiva**

4.2.1. *Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-Trattat tiddependi b'mod ewlieni fuq l-oġġettiv u l-kontenut tal-att previst li dwaru tkun qed tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun biss wieħed inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-Trattat trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, li tkun dik mitluba mill-għan jew mill-komponent ewlieni.

4.2.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-oġġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst għandhom x'jaqsmu mas-sajd. Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jifforma l-bażi ġuridika li tistabbilixxi l-prinċipji li jridu jiddaħħlu f'din il-pożizzjoni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 43(2) tat-Trattat.

4.3. **Konklużjoni**

Għalhekk, il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 43(2) tat-Trattat, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu.

⁸ Il-paragrafi 61 sa 64 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014 fil-Kawża C-399/12, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (ECLI:EU:C:2014:2258).

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "it-Trattat"), u b'mod partikulari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea hija membru tal-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent (il-WECAFC), li hija kummissjoni reġjonali tas-sajd tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (l-FAO) stabbilita skont l-Artikolu VI(1) tal-Kostituzzjoni tal-FAO.
- (2) L-Unjoni Ewropea hija membru tal-FAO⁹.
- (3) Skont l-Artikolu 6(h) tal-istatuti riveduti tagħha, il-WECAFC tista' tadotta rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet. Minħabba l-istatus konsultattiv tagħha, id-deċizzjonijiet tal-WECAFC ma jorbtux lill-membri tagħha.
- (4) Waqt is-sessjonijiet tal-Kummissjoni tagħha, il-WECAFC trid tadotta rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi haġjin tal-baħar.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni bejn l-2019 u l-2023 fil-WECAFC, minħabba li l-WECAFC tintalab tadotta atti mhux vinkolanti li jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni. Ħafna mid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-pożizzjoni tal-Unjoni f'RFMOs li l-Unjoni hija Parti Kontraenti tagħhom iridu jiġu riveduti qabel il-laqgħa annwali tal-2024 ta' dawk l-RFMOs. Għalhekk, sabiex ikun hemm iktar koerenza bejn il-pożizzjonijiet tal-Unjoni fl-RFMOs kollha u fil-korpi reġjonali kollha tas-sajd, u sabiex ikun armonizzat il-proċess ta' revizzjoni, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tal-Kunsill tiġi riveduta l-iktar tard qabel il-laqgħa annwali tal-WECAFC tal-2024.
- (6) Skont il-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni msejjaħa "Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna"¹⁰ u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwarha¹¹, il-promozzjoni ta' miżuri li jappoġġaw u jtejbu l-effettività tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u, meta dan ikun rilevanti, li jtejbu l-

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 1991 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ekonomika Ewropea mal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (l-FAO).

¹⁰ JOIN(2016) 49 final, 10.11.2016.

¹¹ 7348/1/17 REV 1, 24.3.2017.

governanza tagħhom u jsaħħu l-kooperazzjoni f'żoni ewlenin tal-oċeani biex jimtlew il-lakuni fil-governanza reġjonali, hija fundamentali għall-azzjoni tal-Unjoni f'dawn il-fora.

- (7) Hekk kif intqal fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni msejħa “Strateġija Ewropea għall-Plastiks f’Economija Ċirkolari”¹², jenħtieġ li jittieħdu miżuri speċifiċi biex jitnaqqas il-plastik u t-tniġġis tal-baħar, kif ukoll biex jitnaqqas l-irkaptu tas-sajd li jintilef jew li jiġi abbandunat fil-baħar.
- (8) Minħabba li r-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-WECAFC qegħdin jevolvu, u minħabba li jeħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun tqis l-iżviluppi l-ġodda, fosthom it-tagħrif xjentifiku l-ġdid jew tagħrif rilevanti ieħor li jiġi ppreżentat qabel il-laqgħat tal-WECAFC jew matulhom, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri biex il-pożizzjoni tal-Unjoni tiġi speċifikata minn sena għall-oħra bejn l-2019 u l-2023 li jkunu skont il-prinċipju tal-kooperazzjoni leali fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f’isem l-Unjoni fis-sessjonijiet tal-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent (il-WECAFC) hija mogħtija fl-Anness I.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni minn sena għall-oħra tal-pożizzjoni tal-Unjoni li trid tittieħed fis-sessjonijiet tal-WECAFC għandha ssir skont l-Anness II.

Artikolu 3

Fuq proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill għandu jivvaluta u, meta jkun xieraq, jirrevedi l-pożizzjoni tal-Unjoni stabbilita fl-Anness I, l-iktar tard qabel kwalunkwe sessjoni tal-WECAFC li jista’ jkun hemm fl-2024.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

¹² COM(2018) 28 final, 16.1.2018.